MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Numru 277/2009

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Hussein Osman Abdullahi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat li ghandu n-numru tal-pulizija 08YY32, li huwa akkuzat talli:

1. fid-9 ta' Marzu 2009 ghal habta ta' 12:00hrs gewwa Lyster Barracks Hal Far attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Alfred Attard persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorità kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq Alfred Attard persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Alfred Attard u dan skond kif iccertifikatu Dr. Alexandra Baldacchino MD numru ta' registrazzjoni 2180 mill-klinika ta' Rahal Gdid.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrispondi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti.
Rat l-Artikoli 95, 96, 221 u 17 tal-Kap 9. Hadet konjuzzjoni tal-istqarrija tieghu.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti assikurat li l-akkuzat fehem ir-responsabiltajiet tieghu ai termini ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------